Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0231

It-Tieni Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2025 dwar it-Tieni Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali (2025/2654(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b’mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikoli 9, 10, 19, 45 sa 48 u 145 sa 161 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat u ffirmat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni fis-17 ta’ Novembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-2030 tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iffirmata mill-Parlament, mill-Kummissjoni, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-Kunsill fis-16 ta’ April 2024,

– wara li kkunsidra l-Garanzija Ewropea għat-Tfal,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), b’mod partikolari l-għanijiet 1, 2, 8 u 10,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Copenhagen dwar l-Iżvilupp Soċjali tal-14 ta’ Marzu 1995,

– wara li kkunsidra konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 78/318 tas-16 ta’ Lulju 2024 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Modalitajiet tas-“Summit Soċjali Dinji” bit-titolu “it-Tieni Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali”,

– wara li kkunsidra l-Patt għall-Futur maqbul fis-Summit tan-NU ta’ Settembru 2024,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika adottata fil-Forum Politiku ta’ Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, taħt l-awspiċi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f’Settembru 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

A. billi l-iżvilupp sostenibbli huwa prinċipju fundamentali tat-TUE; billi s-17-il SDG jinsabu fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Istati Membri kollha tal-Istati Membri tan-NU fl-2015; billi l-impenn tal-UE għall-Aġenda 2030 issarraf f’sett ta’ politiki trasformattivi tal-UE;

B. billi fl-UE kollha, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn in-nies u r-reġjuni, partikolarment inugwaljanzi fl-introjtu u bejn il-ġeneri, filwaqt li l-inflazzjoni u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja jaffettwaw b’mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u b’introjtu baxx; billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida sinifikanti madwar l-UE, li twassal għall-esklużjoni tal-akkomodazzjoni, l-insigurtà tal-akkomodazzjoni, iż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-inadegwatezza tal-akkomodazzjoni; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali, il-konverġenza soċjali ’l fuq u l-benesseri tal-persuni li jgħixu fl-UE; billi xi studji jindikaw li fl-Ewropa, l-10 % tan-nies l-aktar sinjuri fil-kontinent għandhom 67 % tal-ġid, filwaqt li nofs l-ifqar adulti għandhom biss 1,2 %[1]; billi fl-2023, il-koeffiċjent Gini għall-EU-27 kien ta’ 29,6 %, li juri xejra ta’ tnaqqis żgħir mill-2014, bi 13-il Stat Membru ogħla minn din il-medja[2];

---

1 Ir-rapport tal-Ġid Globali tal-2023, Credit Suisse AG.

2 Il-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa - id-distribuzzjoni tal-introjtu u l-inugwaljanza fl-introjtu, Eurostat, Novembru 2024.

C. billi l-UE impjenjat ruħha, fl-ambitu tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-EPSR l-mira għall-2030 li tnaqqas l-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali b’mill-anqas 15-il miljun sal-2030, inkluži mill-anqas ħames miljun tifel u tifla; billi fi kważi nofs l-Istati Membri, id-data tindika treġġigħ lura diżappuntanti tal-progress fit-tnaqqis tal-faqar; billi tifel jew tifla minn kull ħamsa fl-UE għadhom f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali; billi jekk ix-xejra attwali tkompli, l-UE mhux se tilħaq il-mira tagħha għall-2030; billi, barra minn hekk, il-faqar enerġetiku qed jaffettwa aktar minn Ewropew wieħed minn kull għaxra, u dan qed jaggrava l-inugwaljanza; billi s-sitwazzjoni globalment hija saħansitra agħar, bi kważi 700 miljun persuna jgħixu f’faqar estrem u 2,8 biljun persuna oħra jgħixu bejn is-soll tal-faqar estrem u l-istandard ta’ USD 6,85 kuljum[1], u sa 35 % tal-persuni li kienu ħarġu mill-faqar f’dawn l-aħħar tliet deċennji sussegwentement irkadew;

D. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2024 tal-Kummissjoni, ir-rata ta’ impjieg tal-UE laħqet 75,8 %; billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi madankollu għad hemm sfidi sinifikanti, bħad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u r-rati għoljin ta’ qgħad f’xi Stati Membri, is-segmentazzjoni persistenti tas-suq tax-xogħol, id-diskrepanzi fil-protezzjoni soċjali, inċidenza għolja ta’ xogħol prekarju u mhux standard[2], u disparitajiet kontinwi fl-aċċess għal impjiegi ta’ kwalità bejn is-setturi u r-reġjuni; billi 66,6 % tal-persuni qiegħda u 10,9 % tal-persuni impjegati kienu f’riskju ta’ faqar fl-2024[3];

E. billi n-nuqqas ta’ kisbiet fil-ħiliet bażiċi bħall-qari, il-matematika u x-xjenza qed jiżdied fl-UE, b’mod partikolari fost l-istudenti żvantaġġati; billi din l-inugwaljanza fl-edukazzjoni timmina l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ulterjuri, opportunitajiet ta’ taħriġ, u impjiegi ta’ kwalità, u tikkontribwixxi għall-persistenza tal-esklużjoni soċjali u mis-suq tax-xogħol;

F. billi l-UE adottat il-mira li, sal-2030, mill-anqas 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw f’taħriġ kull sena; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom favur miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-objettiv primarju, u billi l-livell attwali ta’ parteċipazzjoni fl-Istati Membri huwa biss ta’ 39,5 %;

G. billi l-isfidi demografiċi, inkluża popolazzjoni li qed tixjieħ, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, biż-żgħażagħ b’mod

---

1 Ir-rapport dwar il-Faqar, il-Prosperità u l-Pjaneta 2024, il-Bank Dinji.
2 L-għajxien u x-xogħol fl-Ewropa 2024, Eurofound, 2025.
3 Il-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa - il-faqar u l-esklużjoni soċjali, Eurostat, April 2025.

partikolari jiċċaqilqu lejn żoni urbani, jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi ekonomiċi u jagħmlu ħsara lill-progress soċjali u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol, l-infrastruttura pubblika u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE; billi dawn l-isfidi għaldaqstant jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE; billi l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol tista' ttaffi n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol; billi nuqqas ta' aċċess pubbliku universali għall-indukrar tat-tfal (etajiet 0-3) u għall-edukazzjoni terzjarja, nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli, allowances għat-tfal ineżistenti jew insuffiċjenti u liv tal-ġenituri mħallas b'mod insuffiċjenti, huma fost il-fatturi li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal rati baxxi ta' twelid;

H. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet qed jiżdied madwar l-UE u huwa xprunat mit-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u mid-domanda għal ħiliet ġodda; billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet f'ċerti setturi jillimitaw direttament il-kapaċità tal-UE li tattira u żżomm it-talent, kemm minn pajjiżi terzi kif ukoll fi ħdan l-UE; billi impjiegi ta' kwalità, b'pagi u stabbiltà tal-impjiegi ogħla, kif ukoll l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-swieq tax-xogħol jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi;

I. billi r-rapport tal-Eurofound tal-2024 juri li r-rati ta' suwiċidju qegħdin jeskalaw mill-2021, wara għexieren ta' snin ta' tnaqqis; billi jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu indirizzati l-kawżi ta' disturbi tas-saħħa mentali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien[1];

J. billi l-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi soċjali, tinkludi diversi tipi ta' entitajiet privati li huma indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, assoċjazzjonijiet (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet, (inklużi intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol u forom legali oħra skont kull Stat Membru tal-UE); jinnota li din id-diversità ta' intrapriżi u organizzazzjonijiet, li joperaw fl-oqsma kollha ta' attività, jikkondividu identità b'saħħitha bbażata fuq valuri u karatteristiċi kondiviżi bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-responsabbiltà lokali u reġjonali, is-sensittività għall-isfidi klimatiċi u ambjentali, l-inklużjoni u l-governanza demokratika u l-preminenza tal-individwi u l-iskop soċjali fuq il-kapital, b'tali mod li l-biċċa l-kbira tal-profitti jiġu investiti mill-ġdid — filwaqt li jiġu limitati d-distribuzzjonijiet lill-membri jew lill-azzjonisti — sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-organizzazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli jew biex

---

[1] Mental health in the European Union and Norway: risk groups, trends, services and policies, Eurofound (2025, il-pubblikazzjoni li jmiss), (Is-saħħa mentali fl-Unjoni Ewropea u n-Norveġja: gruppi ta' riskju, xejriet, servizzi u politiki)

jinqeda l-interess kollettiv u pubbliku;

K. billi fl-isfond ta’ tnaqqis bil-mod ħafna tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, ir-riċerka tal-Eurofound turi li ħafna Stati Membri s’issa ma implimentaw l-ebda miżura ta’ trasparenza fil-pagi, u l-biċċa l-kbira tal-istrumenti nazzjonali attwalment fis-seħħ għadhom ma jirrikjedux li x-xogħol kollu jiġi vvalutat b’mod ugwali[1];

L. billi l-mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol hija minquxa fit-Trattati u toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u l-ħaddiema u għandha tiġi promossa fost il-ħaddiema fl-UE kif ukoll dawk minn pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu żgurati r-rispett sħiħ u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali, inkluż għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi permezz ta’ perkorsi ta’ migrazzjoni legali, kif ukoll it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni, u l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat;

M. billi l-istruttura tripartitika tal-ILO u n-numru kbir ta’ membri jiddistingwuha bħala mexxejja fl-istandards internazzjonali tax-xogħol; billi fil-kuntest tal-missjoni tal-ILO li trawwem il-ġustizzja soċjali, il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tagħha fuq il-post tax-xogħol jiffokaw li jiżguraw ambjent tax-xogħol ġust u deċenti għal kulħadd, inklużi l-libertà ta’ assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta’ xogħol furzat jew obbligatorju, l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol, u d-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur u san; billi fil-kuntest tal-UE, dawk id-drittijiet huma protetti mit-Trattati tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-acquis tal-liġi tax-xogħol tal-UE; billi xi Stati Membri jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta’ dawn l-obbligi;

N. billi s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza; billi skont ir-riċerka, id-demokrazija industrijali hija korrelatata mill-qrib mal-kwalità tax-xogħol u l-impjiegi u l-kompetittività industrijali[2];

1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR, f’konformità mad-Dikjarazzjoni ta’ La Hulpe u permezz ta’ aġġornament ambizzjuż tal-Pjan ta’ Azzjoni, biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-2030; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-Pjan ta’ Azzjoni aġġornat, tikkomplementa l-miri ewlenin attwali, kif xieraq, kif ukoll tressaq inizjattivi leġiżlattivi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-EPSR;

---

1 Further experiences with pay transparency, Eurofound, (2025, il-pubblikazzjoni li jmiss) (Esperjenzi ulterjuri dwar it-trasparenza fil-pagi).

2 Measuring key dimensions of industrial relations and industrial democracy, Eurofound, Diċembru 2023 (Il-kejl tad-dimensjonijiet ewlenin tar-relazzjonijiet industrijali u d-demokrazija industrijali).

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Parlament fir-rigward tal-iżvilupp ta' Patt Soċjali Ewropew ġdid għall-Futur b'impenji u investimenti ċari fl-oqsma li ġejjin: it-tnaqqis tar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tal-UE, u l-kisba ta' emissjonijiet żero netti fl-UE sal-2050;

3. Jirrikonoxxi r-rilevanza u l-importanza kontinwi – u n-natura interrelatata u sinerġika – tat-tliet temi ewlenin tas-Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tal-1995 f'Copenhagen, meqjusa bħala t-tliet pilastri tal-iżvilupp soċjali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti għal kulħadd, kif ukoll l-inklużjoni soċjali;

4. Jisħaq fuq l-importanza li jintużaw it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex jiġu identifikati r-riskji u jiġi segwit il-progress lejn il-kisba ta' konverġenza soċjali 'l fuq, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, it-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u miżuri ta' appoġġ biex tiġi żgurata l-ġustizzja fit-tranżizzjonijiet; jisħaq li, f'dan ir-rigward, jeħtieġ li tiġi żgurata Ewropa sostenibbli, soċjalment ġusta u inklużiva fejn id-drittijiet soċjali jiġu protetti u ssalvagwardjati bis-sħiħ; ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE jidentifikaw Ewropa soċjali bħala waħda mill-prijoritajiet tagħhom; Jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li l-Kummissjoni tressaq b'urġenza pakkett ta' impjiegi ta' kwalità li jinkludi l-inizjattivi leġiżlattivi u l-investimenti meħtieġa biex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jiġu allokati biżżejjed riżorsi fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss biex jiġu appoġġjati d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, u jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità għas-sħab soċjali; jappella għal aktar sforzi biex tiġi żgurata paga ugwali għal xogħol ugwali li jsir mill-irġiel u min-nisa, tissaħħaħ it-trasparenza fil-pagi u tiġi indirizzata l-inugwaljanza bbażata fuq il-ġeneru biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi, fil-pensjonijiet u fl-impjiegi fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika u fl-atti leġiżlattivi kollha.

6. Jappella li jissaħħu l-isforzi biex jiġu miġġielda l-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol; jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri preventivi u protettivi fuq il-post tax-xogħol biex jiġu protetti l-benesseri u s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema; jinnota ż-żieda fid-diffikultà psikoloġika relatata max-xogħol, marbuta ma' forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, konnettività kostanti

u sorveljanza diġitali[1];

7. Ifakkar li l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-għanijiet relatati jirrikonoxxu li l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija l-akbar sfida globali u rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli u li ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura u li dawk l-aktar fil-bżonn għandhom jintlaħqu l-ewwel; għalhekk jappella għal perspettiva olistika dwar il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u li tiġi proposta strateġija ambizzjuża akkumpanjata minn appoġġ sufiċjenti fil-QFP li jmiss, abbażi tar-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament li jmiss dwar l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar u pjan ambizzjuż għall-akkomodazzjoni affordabbli biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni u tiġi miġġielda l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; jisħaq li dawn l-inizjattivi l-ġodda jridu jikkomplementaw strateġiji relatati oħra tal-UE sabiex jiġi żgurat approċċ multidimensjonali biex jiġi indirizzat il-faqar; ifakkar li diġà fl-2020, il-Kummissjoni stmat li l-investiment soċjali huwa EUR 192 biljun fis-sena anqas milli meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini; jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-rwol tal-fondi Ewropej rilevanti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u jisħaq dwar il-ħtieġa li jinżammu strumenti robusti u awtonomi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-QFP li jmiss;

8. Ifakkar ukoll fir-rwol li għandha l-UE fl-iżvilupp soċjali ta' pajjiżi terzi anki permezz ta' fondi bħall-Ewropa Globali; jiddispjaċih ħafna dwar l-irtirar tal-finanzjament għall-iżvilupp, inkluż l-iżvilupp soċjali minn għadd ta' pajjiżi li għandu konsegwenzi devastanti fuq il-ħajja u l-għajxien tan-nies; iħeġġeġ lill-UE tkompli bl-impenn qawwi tagħha li tappoġġja l-iżvilupp soċjali lil hinn mill-fruntieri fil-QFP attwali u li jmiss biex tiżgura stabbiltà u finanzjament stabbli u tidħol f'djalogu mal-atturi rilevanti kollha biex tiżgura impenn kontinwu favur l-objettivi tal-iżvilupp soċjali fuq livell dinji;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jagħmlu aktar sforzi biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal billi jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġu allokati riżorsi baġitarji sostanzjali għalih fil-QFP li jmiss;

10. Jilqa' l-adozzjoni reċenti tad-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi[2] bħala pass storiku lejn il-protezzjoni tal-ħaddiema fl-ekonomija diġitali; jenfasizza l-ħtieġa li l-istess protezzjoni tiġi estiża għall-ħaddiema fis-setturi kollha affettwati mill-IA biex jiġi żgurat li l-

---

1 Stħarriġ elettroniku dwar l-Għajxien u l-Ħidma fl-UE, tal-2024, Eurofound, 2024.

2 Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj).

prinċipju ta’ “bniedem fil-kontroll” isir standard vinkolanti, u jtenni l-appell għal inizjattivi legali ġodda dwar l-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll dwar id-dritt għall-iskonnessjoni; ifakkar li l-użu tas-sistemi tal-IA għandu jkun konformi mal-miri tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-klima; jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu impjiegi ta’ kwalità sostenibbli f’setturi li qed jiżviluppaw jew li ġew ittrasformati matul it-tranżizzjoni doppja u li jissaħħaħ il-qafas legali għall-ġestjoni u l-antiċipazzjoni tat-tranżizzjonijiet, filwaqt li jiġu promossi r-rwol u l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali u jiġu promossi politiki inklużivi tas-suq tax-xogħol;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aktar l-għoti ta’ edukazzjoni pubblika ta’ kwalità u l-aċċess universali għaliha mingħajr ħlas, politiki ta’ taħriġ ta’ kwalità u tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal impjiegi ta’ kwalità li jiżguraw pagi deċenti; jinnota li l-programmi strateġiċi ta’ titjib tal-ħiliet, ta’ taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet u ta’ taħriġ iridu jkunu disponibbli għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk b’diżabbiltajiet, flimkien mal-allokazzjonijiet għat-taħriġ, u għandhom ikunu adattati wkoll għall-ħtiġijiet u għall-kapaċitajiet tal-ħaddiema; jappella għalhekk għall-introduzzjoni ta’ dritt individwali għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema fil-livell tal-UE;

12. Jisħaq li, fid-dawl tal-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità u l-isfidi ekonomiċi u demografiċi, l-ebda ġenerazzjoni jew reġjun fl-UE – kemm jekk issa kif ukoll fil-futur – ma għandu jitħalla jibqa’ lura u li għandu jkun hemm aċċess universali għal tranżizzjoni ġusta għal kulħadd; jappella biex jiġu ppreżentati inizjattivi li jappoġġjaw kemm liż-żgħażagħ kif ukoll lill-anzjani u persuni b’diżabilità, kif ukoll miżuri għal reġjuni li qed jiffaċċjaw depopolazzjoni, bħal aċċess imtejjeb u bla ostakli għall-infrastruttura, inklużi t-trasport pubbliku, il-konnettività diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni fit-tul u bikrija tat-tfal, kif ukoll l-investiment f’opportunitajiet ta’ impjiegi aħjar biex tiġi evitata d-depopolazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess universali bbażat fuq id-drittijiet għal servizzi pubbliċi ta’ kwalità għolja u jinvestu fihom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ l-Istrateġija Ewropea għall-Kura li tiżgura servizzi tal-kura ta’ kwalità, affordabbli u aċċessibbli fl-UE kollha;

13. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun soċjalment ġusta, b’appoġġ speċifiku għall-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi, ir-reġjuni u l-intrapriżi affettwati minn bidliet strutturali u domandi ġodda tas-suq tax-xogħol; jinnota li l-istrateġiji ta’ adattament u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jekk jitfasslu bir-reqqa permezz ta’ djalogu soċjali robust, jistgħu jiġġeneraw ekosistemi ekonomiċi reżiljenti, impjiegi ta’ kwalità, intrapriżi sostenibbli u soċjetajiet aktar inklużivi, u b’hekk ħadd ma jitħalla jibqa’ lura;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq il-Fond Soċjali għall-Klima u jistabbilixxu l-pedamenti għall-adattament u t-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali fil-livell nazzjonali bl-appoġġ tal-UE, sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza soċjali kontra l-impatti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u biex jiġi żgurat li l-komunitajiet affettwati jkunu ppreparati bis-sħiħ għal suq tax-xogħol ġdid;

15. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b'impjiegi ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol imsaħħa minn politika ta' integrazzjoni effettiva, f'komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;

16. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu, aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli u provvista ta' sigurtà soċjali universali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari n-nisa, il-persuni b'diżabilità, il-migranti, il-persuni fil-komunità LGBTIQ+, iż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol, il-persuni akbar fl-età, il-persuni f'żoni rurali u remoti, il-persuni f'qgħad fit-tul, u r-Rom u minoranzi oħra; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal protezzjoni soċjali xierqa u appoġġ għall-persuni li jaħdmu għal rashom; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-livelli ta' benefiċċji ta' introjtu minimu huma fil-biċċa l-kbira ferm taħt il-limiti nazzjonali tal-faqar fl-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat[1]; ifakkar fir-rwol importanti li l-iskemi ta' introjtu minimu għandhom globalment biex jgħinu lin-nies joħorġu mill-faqar;

17. Iqis li l-ekonomija soċjali hija mutur essenzjali għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, u spiss tipprovdi impjieg lil gruppi vulnerabbli u esklużi u ttejjeb il-ħiliet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali, sabiex jippromwovu xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv; jenfasizza li l-proġetti tal-ekonomija soċjali ġeneralment jirrikjedu sħubija mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi, u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali;

18. Jenfasizza li l-kisba tal-SDG 2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, l-istituzzjonijiet responsabbli, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar effettivi u l-evitar tal-inċertezza legali, inkluż għall-pajjiżi li japplikaw għas-sħubija fl-UE; Jappella biex id-Dikjarazzjoni Politika li

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1).

tirriżulta mit-Tieni Summit Dinji tinkludi impenji sinifikanti dwar l-avvanz tal-SDG u l-indirizzar ta' lakuni persistenti fl-iżvilupp soċjali kif ukoll mekkaniżmi b'saħħithom ta' monitoraġġ u rieżami; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal proċess ta' rieżami bir-reqqa fuq bażi regolari, inklużi dikjarazzjonijiet ministerjali biennali; jappoġġja r-rivitalizzazzjoni tal-Kummissjoni tan-NU għall-Iżvilupp Soċjali u involviment akbar tal-ministeri tax-xogħol u s-sħab soċjali, u jistieden lill-ILO taġixxi bħala l-korp primarju ta' segwitu;

19. Ifakkar li l-paċi u l-kooperazzjoni globali huma l-kundizzjonijiet fundamentali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli, fl-Ewropa u globalment; jenfasizza li l-UE jrid ikollha rwol ewlieni fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem billi timplimenta b'mod sħiħ u effettiv l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-impenn globali għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi, kif ukoll billi oħrajn – bħall-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions – jitħallew jaħdmu liberament għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali madwar id-dinja; iħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU jappoġġjaw u jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-territorji tagħhom u jiżguraw l-inklużjoni sinifikanti tagħhom fit-tħejjija u s-segwitu tas-summit; jenfasizza li l-involviment qawwi ta' diversi partijiet ikkonċernati fit-tfassil tal-politika u n-negozjar kollettiv effettiv jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-progress lejn l-objettivi tal-iżvilupp soċjali; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;

20. Jistieden lin-NU u lill-pajjiżi parteċipanti kollha, u b'mod partikolari lill-pajjiżi ospitanti tas-Summit Soċjali, jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali, inkluż billi jirratifikaw il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u jimpenjaw ruħhom għall-valuri tad-Dikjarazzjoni Soċjali; jenfasizza l-importanza tal-EPSR, kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe, sabiex tinbena Ewropa soċjali b'saħħitha; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' impenn imġedded biex jintlaħqu kemm il-miri soċjali tal-UE kif ukoll l-SDG sal-2030, fl-Ewropa u madwar id-dinja;

21. Jinnota bi tħassib il-progress kajman fil-kisba tal-SDG madwar l-UE, bil-pass tal-avvanz mill-2020 għall-2023 ikun anqas minn nofs dak fil-perjodu 2016-2019; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-SDG ma ssemmewx b'mod espliċitu fil-Linji Gwida Politiċi tal-President attwali tal-Kummissjoni Ewropea; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ l-impenn tal-UE lejn il-progress soċjali u l-kisba tal-SDG; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom favur l-għanijiet komuni tal-UE u speċjalment l-Artikolu 3 tat-TUE; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-UE timpenja ruħha b'mod kostruttiv fl-adozzjoni tat-Trattat tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem sabiex tirregola l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra, tiddefendi prattiki ta' pagi ġusti lil hinn mill-UE u

tippermetti lill-vittmi ta’ prattiki ta’ pagi inġusti jfittxu rimedju;

22. Jappella biex l-UE tappoġġja t-tranżizzjoni globali minn impjieg informali għal impjieg formali, f’konformità mar-Rakkomandazzjoni 204 tal-ILO, billi tippromwovi standards tax-xogħol ekwi, xogħol deċenti, u aċċess għall-protezzjoni soċjali; jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta’ dan l-għan fil-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, il-kummerċ u l-azzjoni esterna;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.